MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 115/2003

**Avviz Numru 115/03 AJD**
**Carmel sive Charles jew Charlie Bianco, f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**vs**

**Loreto Bonello u Josephine Anne Zammit**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-ammont totali dovut ta' elf u tlett liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1003.36) rapprezentanti mport ta' sittax (16) il-kambjala maturati bejn Ottubru 1998 u Dicembru 2002, minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita''tal-

kambjali sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux u ma prezentawx Risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' John Sultana in rapprezentanza tal-attur li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ghaldaqstant peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, t-Tribunal jilqa' –talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somm**a** ta' elf u tlett liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1003.36), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------